

## POŻIZZJONI VAKANTI

# Uffiċjal Xjentifiku għall-Prevenzjoni u I-Kontroll tal-Mard Infettiv

Unità: Programmi ta' Mard

Referenza: ECDC/FGIV/2020/DPR-SOCD

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u I-Kontroll tal-Mard (ECDC).

## Deskrizzjoni tal-impjieg

Uffiċjali Xjentifiċi b'dan il-profil jikkontribwixxu għax-xogħol ta' wieħed jew aktar mill-programmi tal-marda tal-ECDC (mard li jista' jiġi evitat permezz ta' vaċċin u immunizzazzjoni, infezzjonijiet trażmessi sesswalment, viruses li jinxterdu permezz tad-demem u tuberkulożi, reżistenza għall-antimikrobiċi u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa, mard emerġenti, trażmess mill-ikel u mill-vetturi).

Attwalment I-ECDC qed ifittex biex jirrekluta **Uffiċjal Xjentifiku għall-programm tiegħu kontra infezzjonijiet trażmessi sesswalment, viruses li jinxterdu permezz tad-demem u tuberkulożi**. Madankollu, **I-ECDC se jistabbilixxi wkoll lista ta' riżerva li tista' tintuża għal kwalunkwe post vakanti fil-futur f'dawn l-oqsma jew f'oħrajn** u għalhekk iħeġġeġ b'mod attiv lill-kandidati b'esperjenza/interess fil-prevenzjoni u I-kontroll ta' mard infettiv għajr infezzjonijiet trażmessi sesswalment, viruses li jinxterdu permezz tad-demem u tuberkulożi.

Dan se jkun responsabbli minn jew jikkontribwixxi fl-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- L-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' appoġġ għall-pajjiż (taħriġ, żjarat ta' skambju, sessjonijiet ta' ħidma, żjarat ta' pajjiżi, eċċ.) fil-qasam tal-programm tal-mard;
- L-impenn fi djalogu ma' pajjiżi dwar il-ħtiġijiet għal appoġġ għall-prevenzjoni u I-kontroll tal-mard infettiv;
- L-appoġġ għall-iskambju ta' prattiki tajba bejn il-pajjiżi;
- L-appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-gwida tal-ECDC fil-pajjiżi;
- Il-kontribut għas-sensibilizzazzjoni fil-pajjiżi u ż-żamma ta' għarfien pubbliku dwar theddid minn mard infettiv (eż. Jum Dinji tal-Epatite, Jum Dinji tal-AIDS, Jum Dinji tat-TB u attivitajiet oħra ta' komunikazzjoni);
- L-appoġġ għall-koordinazzjoni tan-netwerk ta' mard, inklużi l-preparazzjoni, l-organizzazzjoni u s-segwitu ta' laqgħat;

- Il-kollegament ma' korpi nazzjonali u internazzjonali rilevanti involuti fil-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard infettiv;
- Il-kontribut għall-valutazzjoni tar-riskju;
- L-għoti ta' appoġġ għal studji xjentifiċi u proġetti oħra relatati ma' mard speċifiku;
- Il-kontribut għal rispons ta' emerġenza tas-saħħa pubblika u sistemi ta' servizz tal-ECDC, kif meħtieġ;
- Kwalunkwe kompitu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tiegħu kif mitlub.

## Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

### A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin attestati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena<sup>1</sup>;
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra uffiċjali tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek<sup>2</sup>;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin<sup>3</sup>;
- Tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament kapaċi li ttwettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

### B. Kriterji tal-għażla

Biex persuna tikkwalifika għal din il-kariga, identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza/għarfien professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali.

#### Esperjenza/għarfien professjonali:

- Taħriġ formali fis-saħħa pubblika jew suġġett relatat (eż. grad akkademiku, EPIET, speċjalizzazzjoni medika b'komponent sostanzjali tas-saħħa pubblika);
- Wara l-għoti tad-diploma, mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjeg;
- Esperjenza tax-xogħol li tagħti fehim tal-kuntest li fih qed jaħdmu l-istituti nazzjonali tas-saħħa pubblika fl-UE;
- Esperjenza internazzjonali fis-saħħa pubblika fil-qasam tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard infettiv, inkluż in-netwerking u l-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;
- Esperjenza mixhuda fil-ġestjoni ta' proġetti;

1 Ser jġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

2 Kandidati li ma għandhomx lingwa uffiċjali tal-UE jew li l-Ingliż mhuwiex il-lingwa materna tagħhom għandhom jipprovdu prova tal-livell tagħhom fit-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew ogħla).

3 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

- Esperjenza u ħiliet fil-kitba ta' rapporti u l-għoti ta' preżentazzjonijiet orali;
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

### Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Il-kapaċità li tittieħed inizjattiva;
- Xprunat mill-kwalità;
- Ħiliet organizzazzjonali u l-kapaċità ta' ġestjoni tar-responsabbiltajiet taħt kondizzjonijiet ta' rutina kif ukoll taħt pressjoni;
- Il-kapaċità ta' ħidma kollaborattiva f'tim internazzjonali u multikulturali;
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni bil-miktub u orali

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

## Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ l-applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, sess jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

## Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Min jiġi impjegat se jintgħażel abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tigarantixxix ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel se jiġi rekrutat bħala aġent kuntrattwali, skont l-Artikolu 3a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, għal perjodu ta' ħames snin. Il-kuntratt jista' jiġġedded. Il-ħatra ser tkun fil-**Grupp ta' Funzjonijiet IV**.

L-applikanti għandhom jinnotaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, li huma disponibbli fil-link li ġej:

[http://ecdc.europa.eu/en/aboutus/jobs/Documents/Staff\\_Regulations\\_2014.pdf](http://ecdc.europa.eu/en/aboutus/jobs/Documents/Staff_Regulations_2014.pdf)

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

## Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

## Proċedura ta' applikazzjoni

**Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil [Recruitment@ecdc.europa.eu](mailto:Recruitment@ecdc.europa.eu) u fis-suġġett tal-email indika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.**

**Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida, għandek timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tiġi sottomessa fil-format ta' Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż<sup>4</sup>. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox jitqiesu bħala mhux validi.**

**Il-formola ta' applikazzjoni tal-ECDC tinsab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:**

**<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess ta' reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

---

<sup>4</sup> Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa tal-ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.